# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-wiehed u hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 7 ta' April 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Mifsud Michael |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.00p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 50**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li konna rcivejna minghand il-MEPA u dawn infurmawna li issa stajna napplikaw. Gie unanimament deciz li ghandna nressqu t-talba taghna kemm ghal *merry-go-round* ta' Gnien il-Paci kif ukoll ghall-fanali, bankijiet u *bins* tal-Pjazza malajr kemm jista jkun.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:35 p.m.***

**3.2** ***Para 3.3 – Torri tas-Semaforu :*** Is-Sindku nforma li x-xoghol fuq il-pavimentar kien tlesta u l-fanali kienu wehlu kollha. Gie approvat li ssir applikazzjoni sabiex tingieb l-provvista ta' dawl fuq il-post. Gie unanimament approvat li jingiebu *quotations* ghax-xiri ta' *perspex* / hgieg ghal quddiem il-mappa ta' Malta li hemm mal-hajt fit-torri kif ukoll li jingiebu stimi ghax-xiri ta' *planters*, *bollards* u bank ghal quddiem l-istess torri.

**3.3** ***Para 3.5 – Lokalitajiet sostenibbli :*** Is-Sindku fakkar fil-laqgha li kienet ser issir ghar-residenti kollha nhar it-Tlieta 28 ta' April. Huwa qal ukoll li l-istands t' informazzjoni kienu waslu. Gie unanimament deciz li s-Sur Joseph Bugeja jitqabbad iqassam l-avviz tal-laqgha f'kull residenza.

**3.4** ***Para 3.6 – Triq Santa Katerina :*** Is-Sindku qal li d-Dipt. tad-Drenagg fi hdan il-WSC kien infurmana li kien hemm bzonn li jsir xi xoghol fuq pompa ta' fossa li kienet saret xi snin ilu li pero tinsab fi propjeta privata kif ukoll fuq is-saqaf ta' l-istess fossa. Minn naha tal-WSC kull ma jrid isir huwa li jsiru l-*house connections*. Gie deciz li nkomplu nsegwu l-izviluppi mill-qrib halli jkun jista jibda x-xoghol ta' kisi bit-tarmak.

**3.5** ***Para 3.8 – Patching fi Triq Dun Karm Vella*** *:* Is-Sindku nforma li dan ix-xoghol kien ser isir il-gimgha d-diehla.

**3.6** ***Para 3.9 – Parking Bays fi Triq 31 ta' Marzu*** *:* L-Agent S.E. informa li x-xoghol approvat kien tlesta u kull ma rcivejna kienu xi lmenti zghar.

**3.7** ***Para 5.6 – Markings fi Triq Ferdinand*** *:* L-Agent S.E. informa li x-xoghol approvat kien sar.

**3.8** ***Para 5.7 – Parking Bays fi Triq Stiefnu Zerafa*** *:* L-Agent S.E. informa li x-xoghol approvat kien tlesta. Is-Sindku nforma li wara li tlesta dan ix-xoghol, residenta kienet talbet li jonqos id-*Double Yellow Line* sabiex tizdied *Parking Bay* ohra. Dan gie unanimament approvat. Gie unanimament approvat ukoll li wahda mill-*parking bays* quddiem garage li issa gejna infurmati ser jibda jintuza sabiex fih jiddahhlu l-vetturi issir safra.

**3.9** ***Para 6.3 – Skema xoghol fil-Komunita'****:* L-Agent S.E. informa li hu kien attenda ghal din il-laqgha u kien gie spjegat li l-haddiema assenjati mhux ser ikunu mill-lokalita' kif ukoll li s-supervizjoni taghhom ser issir mill-E.T.C. stess. Huwa qal ukoll li l-Kunsill kien ghamel it-talba ghat-3 haddiema kif kien gie approvat.

**3.10** ***Para 7.4 – Laqgha mal-Pulizija*** *:* Is-Sindku nforma li l-laqgha kienet giet posposta mill-Pulizija minhabba mpenji ohra.

**3.11** ***Para 7.7 – Scouts fil-Gharghur*** *:* Il-Kunsillier P. Fenech informa li kienet saret laqgha ghal genituri tat-tfal li kienu wrew interess li jissiehbu fl-iscouts. Kien gie stabbilit li hemm bzonn li jinstabu aktar *Leaders* sabiex imexxu l-grupp. Dan kollu kien ser isir bi prova ghal sena.

**3.12** ***Para 7.9 – Zjara residenti Tarxienizi*** : L-Kunsillier A. Muscat informa li fl-okkazjoni tal-Gimgha l-Kbira li saret fir-rahal il-Hadd li ghadda, grupp ta' residenti Tarxienizi kienet zar il-Kunsilll. Dawn gew offruti xi *refreshments*. Numru ta' residenti Gharghurin kienu ser izuru Hal Tarxien fil-gejjieni qarib.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha. Rigward il-kont tal-Perit Janice Zahra li kien ikkunsidrat fil-laqgha precedenti, l-Agent S.E. ikkonferma li kien ircieva l-*Bills of Quantities* u ghalhekk gie unanimament approvat il-pagament pendenti.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Talba minn resident sabiex ibaxxi l-bankina quddiem garaxx fi Triq San Bartilmew. Gie unanimament deciz li bhal ma ghamilna f'talbiet simili precedenti, l-Kunsill jipprovdi l-materjal mehtieg lir-resident filwaqt li hu jiehu hsieb li jaghmel ix-xoghol u jara li dan isir kif suppost.

**5.2** Talba minn resident sabiex issir *Parking Bay* safra quddiem entratura ghal numru ta' garaxxijiet fi Triq il-Kbira. Gie unanimament approvat li dan ix-xoghol isir mill-haddiem ta' l-IPSL.

**5.3** Ilment minn residenta dwar skart li allegatament qed jingabar taht it-tieqa taghha. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament iddecieda li jekk ir-residenta tipprovdi informazzjoni dwar min allegatament qed jaghmel dan l-abbux jiehu l-passi necessarji.

**5.4** Ilment minn residenta dwar n-numru ta' *Bus Stops* fi Triq Caravaggio peress li ma hemmx *parking slots* bizzejjed. Il-Kunsill innota li l-*Bus Stops* huma responsabbilita' ta' l-ADT filwaqt li jhoss li minhabba t-tul tat-triq il-*bus stops* li hemm huma gustifikati. Gie unanimament deciz li ma jsir xejn aktar dwar dan l-ilment.

**5.5** Talba minn residenta sabiex l-ahhar karozza tal-linja mill-Belt tibqa tiela r-rahal u mhux tieqaf in-Naxxar. Gie unanimament deciz li din it-talba tigi riferuta lill-ADT.

**5.6** Talba minn resident sabiex il-*Parking Bay* li hemm hdejn ic-Cimiterju tkun tista tintuza biss minn dak li jkunu qed izuru c-cimiterju waqt li jkun miftuh ic-cimiterju. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li din it-talba ma tintlaqax peress li huwa difficli li jigi stabbilit fejn ikun sid il-vettura waqt li din tkun ipparkjata u ghalhekk ma jistax isir infurzar. Gie unanimament deciz li jsir *Single Yellow Line* quddiem l-entratura ghac-cimiterju sabiex ikun jistghu jieqfu vetturi sabiex ihottu l-affarijiet u wara jimxu. Dan isir wara li jigi ikkonsultat il-Kappillan.

***Peress li l-Kunsillier A. Muscat kien ser ikollu jitlaq qabel tmiem il-laqgha, l-istess Kunsillier talab li item 7 fuq l-Agenda tigi diskussa qabel item 6. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

**6 Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata filwaqt li gie deciz li nsegwu mill-qrib l-applikazzjoni 1130/07 peress li l-Kunsill kien oggezzjona dwar parti mill-izvilupp.

***Il-Kunsillier A. Muscat halla l-laqgha fit-8:00 p.m. minhabba mpenji ohra.***

**6.2** Korrispondenza mill-AKLM dwar Laqgha tal-Kunsillieri – Regjun Majjistral li ser issir fil-25 t' April

Din il-korrispondenza giet innotata. L-ebda Kunsillier ma wera nteress li jattendi.

**6.3** Korrispondenza mill-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar laqgha li ser issir l-Erbgha 15 t' April dwar ir-Riforma fil-Kunsilli Lokali

Din il-korrispondenza giet innotata u kemm is-Sindku kif ukoll l-Agent S.E. infurmaw li kienu ser jattendu.

**6.4** Korrispondenza minghand it-TCTC dwar aktar korsijiet ghar-residenti

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li jinkisbu aktar dettalji.

Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**6.5** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar il-possibilita' ta' gemellagg mar-rahal ta' Riano fl-Italja.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Vici-Sindku ser jikseb aktar dettalji.

**7** **Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** Is-Sindku nforma li x-xoghol fuq it-trinka li ser issir mill-GO fi Triq San Gwann kien ser isir il-gimgha d-diehla.

**7.2** Gie unanimament approvat li jingiebu stimi sabiex jinxtara standard u bnadar sabiex jintuzaw mill-Kunsill f'attivitajiet ufficcjali.

**7.3** Gie unanimament deciz li jingiebu stimi sabiex jinghata servizz ta' qtugh ta' haxix madwar ir-rahal.

**7.4** L-Agent S.E. informa li kien attenda ghal laqgha dwar ir-riforma fir-trasport pubbliku. Hu ta dettalji tal-proposti li kienu saru waqt il-laqgha. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament approva li jaghmel dawn is-suggerimenti:-

1. It-Terminus ghar-rotta Nru 55 jkun il-Gharghur u mhux in-Naxxar. Dan sabiex ir-residenti ma jkollhomx ghalfejn joqghodu ibiddlu l-karozza kull darba n-Naxxar. Il-proposta tar-riforma ser tohloq hafna tbatija u nkonvenjent ghar-residenti apparti l-fatt li l-hin sabiex wiehed jivvjagga kien ser jitwal hafna.
2. It-titjib li nkiseb matul is-snin bhar-rotta ezistenti li hi diretta lejn l-iSptar/Universita' issa jidher li ser jintilef u skond ir-riforma s-servizz mhux talli mhux ser jitjieb izda ser jitnaqqas. Is-Servizz lejn Mater Dei u l-Universita' ghandu jibqa jinghata kif inhu bhalissa jigifiera karozza diretta li titlaq mill-Pjazza tar-rahal kull siegha.
3. Is-sistema l-gdida ghandha tizgura li s-servizz maqbul jinghata kif suppost u fil-hin stipulat. Dan peress li hafna drabi l-karozzi tal-linja jieqfu n-Naxxar u min ikun qed jistenna l-Gharghur jibqa jistenna ghal-hin twil. Ir-Riforma ghandha tahseb ghall-*enforcement* effettiv u zzid l-*accountability* sabiex is-servizz jinghata kif suppost.
4. Is-servizz tat-trasport pubbliku ghandu jibqa jaqdi r-residenti taz-zewg oqsma tad-djar jigifieri dak tax-Xwieki u dak ta'Zaghruna. Skond il-proposti l-godda jidher li dawn mhux ser ikollhom servizz.
5. Ghandu jkun hemm servizz ta'trasport pubbliku dirett lejn Bahar ic-Caghaq specjalment fix-xhur tas-Sajf.
6. Il-hinijiet li fihom jinghata s-servizz ghandhom jitwalu specjalment fil-ghaxija u jigu estizi ukoll ghal matul il-lejl.

**7.5** Is-Sindku ta dettalji dwar laqgha li hu flimkien ma' l-Agent S.E. kienu attendew ghaliha dwar Fondi mill-U.E. Wara li spjega fid-dettal id-dokumenti necessarji u wara li saret diskussjoni, gie unanimament deciz li taht il-Fond ghal Accessibilita' napplikaw sabiex isiru x-xoghlijiet mehtiega fil-latrini pubblici halli dawn tassew ikunu joffru accessibilita' ghal kulhadd.

Taht il-Fond ghal Zvilupp Rurali gie unanimament deciz li napplikaw sabiex isir progett fl-inhawi ta' Triq Ghaxqet l-Ghajn bil-ghan li titjieb l-accessibilita' ghal dan il-post li joffri veduti panoramici kif ukoll ghandu rabta storika minhabba l-*Victoria Lines* u s-*Searchlight Battery*. Gie unanimament deciz li jizdiedu l-facilitajiet, jinbena mill-gdid il-Gnien tal-Ponta u jsir restawr tal-bini storiku u dan jibda jintuza fost l-ohrajn sabiex fih ikun hemm exhibition permanenti dwar il-*Victoria Lines* u s-*Searchlight Battery*. Gie unanimament deciz li l-Perit Janice Zahra tintalab tipprovdi stimi sabiex tghin il-Kunsill flimkien mal-*Funding Unit* tal-MEUSEC sabiex issir l-applikazzjoni u jigu provduti d-dokumenti mehtiega.

**7.6** Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma kienx qed jaqbel mal-kont li rcivejna minghand il-Bitmac ghax-xoghol fi Triq il-Gdida. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li t-triq ghandha tigi mkejjla mill-Kunsillier M. Mifsud sabiex inkunu nistghu nivverifikaw aktar il-kont li rcevejna. Jekk ikun hemm bzonn il-Kunsillier Mifsud jiltaqa fuq il-post mas-Sur Hector Camilleri mill-Bimac. Sadanittant il-kont ma ghandux jithallas.

**7.7** Gie unanimament deciz li jingiebu aktar stimi ghax-xiri ta' *projector* ghall-uzu tal-Kunsill

**7.8** Gie unanimament deciz li l-istimi li konna rcivejna sabiex isiru basktijiet tac-carrutta jigu diskussi f'laqgha ohra.

**7.9** Gie unanimament approvat li l-Kunsill johrog *No Objection* sabiex il-Gharghur FC jaghmlu *Street Party* fl-okkazjoni tal-promotion taghhom fi Triq San Gwann bejn Triq San Bartilmew u Triq Mons. L. Catania.

**7.10** Is-Sindku informa li l-GO plc kienu qed japplikaw sabiex jaghmlu trinek fi Triq San Bartilmew u Vjal ir-Repubblika. Gie unanimament deciz li ma jinharigx il-permess tal-Kunsill sakemm niltaqghu ma rapprezentanti tal-GO u niksbu aktar dettalji dwar ix-xoghlijiet ippjanati.

**7.11** Gie unanimament deciz li l-Kunsill jitkellem mal-MEUSEC bil-ghan li fis-sajf li gej isir *Youth Exchange*. Ghandna ukoll naraw x'possibilta' hemm li niksbu ghajnuna sabiex isiru skambji ghall-anzjani jew ta' interess kulturali. Is-Sindku informa li s-Sindku ta' Hal Tarxien kien offra l-ghajnuna tieghu f'dan ir-rigward peress li huma diga ghamlu b'success diversi *Youth Exchanges*.

**7.12** Is-Sindku awgura l-Ghid it-Tajjeb lir-residenti, Kunsillieri u *staff*.

***Il-laqgha ntemmet fid-8.50 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghat-Tlieta 21 t' April 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |